# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Kurt Buttigieg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Kurt Buttigieg**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 559081M fejn ġie mixli:-

> Talli fil- 21 ta' Gunju 2014, fil- Fgura, Paola, Haz Zabbar, f'Malta, bejn 17:20 hrs u 18:00 hrs., u fix-xhur ta' qabel f'Malta,
>
> tajt ' fastidju lil Claire Magri u dan bi ksur tal-Artikli 251 A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.
>
> Talli fil-21 ta' Gunju 2014, fil-Fgura, Haz Zabbar u Paola, fix-xhur ta' qabel f'Malta, bejn 17:20 hrs u 18:00 hrs ikkagunajt lil Claire !t Magri biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra I-propjeta taghha jew kontra I-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti u dan bi ksur tal-Artikli 251 B tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.
>
> Talli fil-21 ta' Gunju 2014 , fil-Fgura, Haz Zabbar u Paola, fix-xhur ta' qabel f'Malta, bejn 17:20 hrs u 18;:00 hrs ikkagunajt lil Claire Magri allarm jew dwejjaq li jkollu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' dik il-persuna, u dan bi ksur tal- Artiklu 251 BA tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.
>
> Talli fil-21 ta' Gunju 2014, fil- Fgura, Paola, Haż-Żabbar, f'Malta, bejn il-17:00hrs u 18:00hrs, u fix-xhur ta' qabel f'Malta bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Claire Magri, weggajtha bi kliem, bgesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artiklu 252 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Talli fil- 21 ta' Gunju 2014, fil- Fgura, Paola, Haz Zabbar, f'Malta, bejn 17;20 hrs u 18;00 hr., permezz ta' xi network jew apparat ta' konumikazzjoni elettronika, heddidt li taghmel xi reat; jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex taghmel gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jhedded li jakkuza Jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lill- Claire Magri, jew jaghmel uzu iehor mhux xieraq bih, bi ksur tal-artiklu 49 (a) (b) (c) tal- Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta

Talli fl- 14 ta' Gunju 2014, fil- Fgura, F'Malta b'mezzi xort'ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta ' dan is-sub - titolu, volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg ta' Claire Magri, mobbli jew immobbli billi kissirtilha I-intercomp tad-dar ghal dannu ta' aktar minn E250 u dan bi ksur tal- Artiklu 325 (I) (b) tal- Kodici Kriminali tal- Kap 9 .

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49,50,tal- Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Kurt Buttigieg u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Inoltre ġie mixli wkoll li wettaq ir-reati de quo matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tal-15 t'April 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma bil-ġurament l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat David Gatt, stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tiġbor il-provi f'dan il-każ u rat ukoll id-diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

Rat id-dokumenti kollha prodotti, inkluż l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

Semgħet ukoll ix-xiehda prodotti.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 21 ta' Lulju 2016, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Kurt Buttigieg** fl-Artikoli 17, 31, 28A, 28B, 28F, 49, 50, 251A (222(1)(a), 202(h)(v)), 251B, 251BA (222(1)(a), 202(h)(v)), 252, 325(1)(b), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tad-19 ta' Lulju 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-każ;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-

tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u semgħet it-trattazzjoni tal-Avukat Difensur;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi dan il-każ tnissel minn incident li seħħ bejn l-imputat u Claire Magri wara li din waqfet ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Il-Qorti semgħet lil Claire Magri tixhed darbtejn – fil-15 t'April 2015 u fit-30 ta' Ġunju 2015 u fiż-żewġt ċirkostanzi dil-Qorti ma kienetx konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mhux daqstant mill-fatt li bejna u bejn l-imputat kien hemm argument bejn koppja daqskemm fir-rigward tal-entita, portata u gravita tal-argument li seħħ. Il-Qorti jidhrilha li meta marret fl-għassa tal-Pulizija, Magri *a caldo* u imqanqla minn ċerti passjonijiet b'mod li nefħet din l-istorja aktar milli fil-verita seħħ.

*A freddo*, matul is-seduta tal-15 t'April 2015 hija infurmat lil Qorti li kienet qegħda tirtira l-kwerela li hija kienet għamlet kontra l-imputat u kif ukoll kienet qegħda tirrinunzja għall-azzjoni kriminali safejn kienet rinunzjabbli. Oltre minn hekk fid-dawl tal-fatt li hija kellha relazzjoni mal-imputat u li kienet ilha tgħix miegħu bħala mara u raġel hija talbet

lill-Qorti sabiex teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u twaqqaf il-proċedura f'dan l-istadju, b'mod partikolari minħabba l-fatt li hija kienet għadha f'relazzjoni mal-imputat. Hija żiedet tgħid ukoll li dakinhar tal-inċident, meta għamlet il-kwerela lill-Pulizija, filwaqt li kkonfermat li dak mistqarr minnha kien veru seħħ, żiedet ukoll li jista' jkun li hija għaġġlet fid-deċiżjoni tagħha li tikkwerela lill-imputat tant li jum biss wara l-akkadut kienet hi stess li ċemplet lura lill-imputat sabiex ikomplu r-relazzjoni flimkien.

Il-Qorti hija moralment konvinta li bejn Claire Magri u l-imputat kien hemm argument familjari li setgħa kien wieħed imqanqal ukoll. Biss madanakollu ma jfissirx li ma kull argument bejn koppja f'relazzjoni intima awtomatikament jwassal għall-iskattar tal-estremi tar-reati kontestati lill-imputat minn numru wieħed sa' erbgħa.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-Difiża li dawn ir-reati mhux konfigurabbli fil-kuntest ta' relazzjoni bejn koppja. Anzi hemm diversi sitwazzjonijiet fejn dawn ir-reati jikkonfiguraw bejn koppja u bil-kif. Biss il-Qorti trid tiżen f'kull każ jekk mill-provi prodotti jkunux jirriżultaw l-estremi tar-reati ta' fastidju, biża li ser tintuża vjolenza, alarm jew dwejjaq jew ukoll inġurji. F'dan il-każ ma tqisx li x-xiehda ta' Claire Magri tista' twassalha li tikkonkludi favur l-eżistenza ta' dawn l-estremi f'dan il-każ.

Jirriżulta li l-imputat kien għamel diversi tentattivi biex Magri tkelmu iżda hija bdiet taħarbu għax f'dak il-mument riedet ittemm ir-relazzjoni u baqgħet taħarbu kontinwament. Hija tgħid li kien qiegħed iċemplilha waħda f'waħda biex jirranġaw u bagħtilha wkoll sms. Evidenza ta' dan hemm l-istqarrija tagħha iżda ma ġiet prodotta ebda prova teknika li kien hemm dan il-kuntatt.

Inoltre jirriżulta ċar li dan kien incident li seħħ dakinhar u mhux ukoll preċedentement bi frekwenza tali li jikkonfigura "course of conduct". Magri tistqarr li wara li daħlet l-għassa l-imputat ma baqgħax jibgħatilha messaġġi jew jipprova jċemplilha. Pero kienet hi stess li l-għada ċemplitlu biex jerġgħu jirranġaw!

Il-Qorti hija moralment konvinta li Claire Magri f'dan il-każ aġixxiet bl-emozzjoni u mhux bil-ħsieb. Fi kliemha stess, għaġġlet naqra meta marret tagħmel il-kwerela. Hija ssaħħaħ din il-konvinzjoni meta tistqarr li "forsi ma kienx hemm għal fejn li nidħol l-għassa forsi għax kont naf li jiena ħa nerġa' nirranġa miegħu imam dak il-ħin f'moħħi tagħni hekk, ma nafx". Il-Qorti wissietha li riedet toqgħod attenta għax setgħet tiġi li għamlet rapport falz. Hija sostniet li għalkemm ma għamlet ebda rapport falz, li ġralha kien li żbaljat darba u ħassitha "guilty" li daħlet l-għassa għax minn wara dak ir-rapport ma kienet għamlet ebda rapport ieħor. Biss hija tgħid li dak il-ħin ippanikjat tant kemm rieditu jifhimha li riedet ittemm ir-relazzjoni u peress li l-imputat "ma ried jibża bl-ebda

mod għid forsi ħa nidħol l-għassa ħa jibża taf kif, dak li ġrali b'hekk wasalt sa hemm".

Hawnhekk ukoll joħroġ il-karattru ta' din ix-xhud, emottiv u altalenanti, xi drabi kapriċċuż u li jmur minn estrem għall-ieħor f'temp qasir - u li jibbażat d-deċiżjonijiet fuq l-emozzjoni li tħoss fil-mument. Hekk li tgħid li l-imputat idejjaqha meta hi tkun bin-nervi u dak il-ħin ma tkunx tridu; iżda mbagħad jgħaddilha għax dan ikun "ta' dak il-ħin". Tgħid ukoll li kien iċemplilha u jiffittaha bl-sms, iżda hi ma kienetx tħossha imbeżża' minnu għalkemm kien iqabaddha n-nervi. Iżda ma tibżax li kien ser jagħmel għaliha, iħebb għaliha, jsawwatha jew iweġġagħha.

Il-Qorti ma tqisx li fuq din il-kwalita ta' evidenza tista' tasal tikkonkludi li l-elementi tar-reati ta' fastidju, biża li ser tintuża vjolenza kontriha, alarm jew dwejjaq jew inġurji u użu ħażin ta' apparat ta' telekomunikazzjoni ġew soddisfaċentement ippruvati.

Illi anke kwantu għall-allegat reat ta' ħsara volontarja fuq l-intercom ix-xiehda ta' Claire Magri bl-ebda ma twassal għal prova tal-elementi tar-reat ravviżat. Hija tgħid li verament li l-intercom kienet inkisret u li probabbilment kien l-imputat li kkawża ħsara fl-istess intercom. Iżda hija tgħid li "nimmaġina" li l-imputat beda jċempel il-qanpiena u "kull ma ġralha inqalgħet minn postha jiġifieri biss imbagħad għamilhieli ġdida dak kollox". Biex inbidlet din l-intercom ġiet tiswa seba' mitt euro

u dawn ħallashom l-imputat. Fix-xiehda tagħha tat-30 ta' Ġunju 2015 tispjega li dak li kien ġaralha l-intercom kien li din inqalgħet minn mal-ħajt. Hi tgħid li din l-intercom kienet tissewwa "għax I mean ma kienetx imkissra, just kemm kienet inqalgħet minn mal-ħajt". Iżda minkejja li din l-intercom kienet tissewwa hija riedet waħda ġdida. L-imputat sottomess xtralha waħda ġdida a spejjeż tiegħu.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat jgħid li verament kien hu li kisser l-intercom tad-dar ta' Magri u qallha hu stess li kien kissirha hu u li kien ser iħallasulha. Iżda minn din l-istqarrija ma joħroġx kif din il-ħsara ġiet kaġunata – ċjoe jekk din il-ħsara kienetx waħda ta' natura volontarja – kisser l-intercom għax ifforma l-intenzjoni li jagħmel ħsara lill-proprjeta ta' Magri jew jekk kissirhiex involontarjament waqt li kien qiegħed jipprova jċempel l-istess intercom. Ma ġiex pruvat jekk kienx qiegħed jagħmel dan għax uża dan l-apparat b'vandaliżmu jew b'salvaġiżmu. U dan jagħmel differenza kbira fir-rigward tar-reat ipotizzat lilu.

Fil-verita stando max-xiehda tal-parte civile hemm dubbju kemm verament kien hemm ħsara għall-intercom innifisha għax Magri tgħid li din kull ma ġralha kien li inqalgħet minn mal-ħajt aktar milli għax ġiet reża inoperanti tant li kienet tissewwa. Minkejja dan pero Magri, b'axxendent fuq l-imputat, riedetu jixtrilha waħda ġdida. U hu hekk għamel.

Bid-dovut rispett, anke hawn il-Qorti tħoss li in bażi għal dawn in-nuqqasijiet fil-provi prodotti ma tistax tasal li ssib ħtija fl-imputat għar-reat ipotizzat ta' ħsara volontarja, bil-konsegwenzi kollha li jitnisslu minn tali sejbien ta' ħtija kontra l-imputat f'dan il-każ.

Fid-dawl li dil-Qorti mhux ser issib lill-imputat ħati tar-reati prinċipali, l-anqas ma tista' ssibu ħati tar-reċidiva u tat-twettieq tar-reati kontestati matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

# ***Decide :-***

Li wara li rat l-Artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali aktar il-fuq imsemmija, għar-raġunijiet premessi il-Qorti qegħda ssib lill-imputat **Kurt Buttigieg** mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum l-25 ta` Ottubru, elfejn u sbatax (2017) fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

artikoli